**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 11/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/01/'13** **294**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/01/'13** **349**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2013.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Alex Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienet preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-23 ta' Jannar 2013. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Financial Statements
4. Tindif ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill
5. Aġġornament - *Upgrading of Open Areas within Housing Estate* (Titjib ta' Żoni Esterni f'Housing Estate) at Ta' Ġiorni, San Ġiljan
6. Offerti - Organizzazzjoni ta' Attivitajiet / Avvenimenti
7. Vandalizmu fl-*area* ta' Ta' Ġiorni
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsilliera Rita Portelli hija skużata minħabba ċirkostanzi li m'għandhiex kontroll fuqhom. (Ara inc. 432/13 – Appendiċi 'A')

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti

1.4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 09/K7/12 u 10/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.4.02 l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/12 u 10/K7/12.

1.4.03 l-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.4.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 24c/KA1/12, u 25/KA1/12 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'B'u'C').

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 6654,7263 7267,K1581 & 7381 | Korrispondenza ma' l-Awtorita' tat-Turiżmu rigward il-kont tad-dawl ta' Wesgħet Ġuze Tanti. |
| 7117&7136 | Korrispondenza rigward 4 *Interactive Information Panels*. |
| 7220&7575 | Korrispondenza mingħand *European Cities Against Drugs* rigward konferenzi li ser isiru ġewwa Linkoping Sweden u Moscow. |
| 7227,K1579, 7228, K1578 & K142 | Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Bye Laws – Sewqan ta' Roti u Ġbir ta' Skart. |
| 7235 | Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar l-4 ta' Diċembru 2012. |
| 7365 | Email mingħand it-Transport Malta rigward ir-*residential parking scheme* in-naħa ta' Trejqet il-Bajja. |
| 7664 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 60/2012 – Allegati Abbużi fil-Lokalitajiet fuq id-Dwal tat-Toroq. |
| 52 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward finanzjament Jannar-April 2013. |
| 77 | Email mingħand is-Sur Alexander Paul Miruzzi rigward *reserved parking* quddiem il-Bank of Valletta. |
| 87 & K26 | Korrispondenza b'konnessjoni ma' l-istedina tas-Sindku rigward iż-żjara fiċ-Ċina. |
| 94 & K30 | Korrispondenza rigward Memo 87 - Skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali. |
| 170 | Korrispondenza bejn il-Green MT u l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward l-iskart fi Triq Ta' Ġiorni. |
| 165 | Kwotazzjoni ta' xogħol ta' tindif mingħand is-Sur Raymond Attard. |

323 Email mingħand Dr. Marguerite Camilleri f'isem ir-Residenti tal-Bajja ta' Spinola rigward il-proġett li ser isir.

328 & K116 Korrispondenza mal-MEPA u mal-MP&DC rigward tibdil fl-applikazzjoni tal-moll li hemm ħdejn il-Cavallieri Hotel, Triq Spinola.

378 Rakkomandazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jimxi skond il-Proċeduri dwar il-Kunsill Lokali (offerti).

398 Ittra mingħand il-Perit Ian Cutajar rigward dħul ta' ilma fid-dar numru 25, Triq is-Sorijiet, San Giljan.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 6654, 7263, 7267, K1581 & 7381**

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza ma' l-Awtorita' tat-Turiżmu rigward il-kont tad-dawl ta' Wesgħet Ġuze' Tanti. Il-Kunsill ġie nfurmat li biex ingħata permess mill-Korporazzjoni Enemalta biex jinxtgħel id-dawl dekorattiv tal-Milied, il-Kunsill kellu jħallas kont pendenti, b'konnessjoni ma' l-area ta' Wesgħet Ġuze' Tanti lill-Arms Ltd. Dan peress li l-Awtorita' tat-Turiżmu ma aċċettatx li tħallas il-kontijiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tittieħed l-azzjoni neċessarja sabiex jitneħħa l-*meter* tad-dawl li hemm f'Wesgħet Ġuze Tanti.

2.03 Il-Kunsillier Alex Grech wasal fis-2.10p.m.

**Rif Nru. 7117 & 7136**

2.04 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sur Paul Spiteri ta' l-Integrated Solutions fejn talab biex il-Kunsill jerġa jirrevedi d-deċiżjoni li ħa rigward ir-risposta li ngħatat għat-talba tiegħu dwar l-4 *Interactive Information Panels*. Ġie deċiż unanimament li s-Sur Paul Spiteri jiġi nfurmat li l-Kunsill ma laqax it-talba tiegħu. Dan minħabba li diġa ttieħdet deċiżjoni u ngħata tweġiba skont Minuti 08/K7/12 tal-laqgħa li saret fit-23 t'Ottubru 2013.

**Rif Nru. 7220 & 7575**

2.05 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand *European Cities Against Drugs* rigward konferenzi li ser isiru ġewwa Linkoping, Sweden u Moscow. Ġie deċiż unanimament li għall-konferenza li ser isir f'Moscow, fir-Russja bejn it-12 u l-15 ta' Mejju 2013, jattendu s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għas-spejjeż tal-Kunsill.

2.06 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech waslu fis-2.20p.m.

**Rif Nru. 7235**

2.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward in-nuqqas ta' l-attendenza għal-laqgħa ta' Diċembru 2012, fejn infurmat lill-Kunsill li dakinhar kienet indisposta.

**Rif Nru. 7365**

2.08 B'riferenza għat-talba li saret biex tiġi estiża r-*Residential Parking Scheme*, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li mat-talba li saret ser jiġu inklużi Telgħet B'Kara, l-inħawi tal-Balluta, Triq is-Sur Fons, Triq il-Karmelitani, Triq Scicluna u Triq Manuel Dimech. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi qabel jitkompla il-proċess isir laqgħa mar-residenti li joqogħdu fl-inħawi u jiġu nfurmati l-GRTU u l-MHRA. Jekk jirrizulta li ma jkunx hemm oġġezzjonijiet jitkompla l-proċess. F'dan il-kaz il-ġranet u l-ħinijiet tar-*Residential Parking Scheme* jkunu l-istess bħall-kumplament li hawn fil-lokalita'.

**Rif Nru. 77**

2.09 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Alexander Paul Miruzzi rigward *reserved parking* quddiem il-Bank of Valletta. Ġie deċiż unanimament illi jsiru x-xogħolijiet mitluba wara li s-Sur Miruzzi jikkonferma għal liema branch tal-Bank of Valletta qed jirreferi.

**Rif Nru. 87 & K26**

2.10 Saret riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni ma' l-istedina tas-Sindku rigward iż-żjara fiċ-Ċina. Il-Kunsill ma

sabx oġġezzjoni li jingħataw momentos lid-delegazzjoni Ċiniża u li l-ispejjeż involuti jinqasmu bejn il-Kunsill Lokali San Ġiljan u l-Kunsill Lokali Naxxar. Il-Kunsill ġie notifikat ukoll li minħabba l-maltemp li kien hemm fl-Ewropa kien hemm dewmien mar-ritorn lejn Malta.

**Rif Nru. 170**

2.11 Saret riferenza għall-korrispondenza bejn il-Green MT u l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward l-iskart fi Triq Ta' Ġiorni. Ġie deċiż unanimament illi:-

a) Il-MEPA tiġi nfurmata sabiex tieħu l-azzjoni neċessarja biex jittella' ħajt wara l-*bring-in-sites* peress li fl-*area* qed isir abbuż u qed tintuża bħala miżbla;

b) Il-Green MT tiġi nfurmata li l-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew il-*bring-in-sites*.

**Rif Nru. 165**

2.12 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand is-Sur Raymond Attard dwar xogħol ta' tindif fl-inħawi ta' Triq Zammit Clapp. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta l-kwotazzjoni.

2.13 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fit-2.45p.m.

2.14 Il-Kunsillier Anthony Grech ġie skużat fit-2.50p.m.

**Rif Nru. 378**

2.15 Saret riferenza għar-rakkomandazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jimxi skond il-Proċeduri dwar il-Kunsill Lokali (offerti). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa jinġabar l-iskart domestiku tal-borża s-sewda.

**Rif Nru. 398**

2.16 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Perit Ian Cutajar rigward dħul ta' ilma fid-dar numru 25, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi din il-materja tiġi riferuta:-

a) Lill-Avukat tal-Kunsill għall-attenzjoni u azzjoni min-naħa tiegħu;

b) Lill-Perit Stephen Farrugia għall-parir tiegħu qabel ma jsiru xi xogħlijiet fuq il-bankina ta' Triq Qalb Imqaddsa.

**3 Financial Statements**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 (Ara Appendiċi 'D').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dawn il-Financial Statements.

3.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

3.04 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Iċ-Ċermen għan-nom tal-Kunsill, irringrazzja lil Ms Caruana u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom.

3.07 Ms Caruana ġiet skużata fit-3.05p.m.

**4 Tindif ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda ta' l-offerti għat-tindif ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u ġie nfurmat li ntgħażlet l-offerta ta' TF Services peress li l-offerta tagħhom kienet l-aktar vantaġġjuza (Ara Appendiċi 'E').

4.02 Il-Kunsill ma sabx oġġezz

**5 Aġġornament - *Upgrading of Open Areas within Housing Estate* (Titjib ta' Żoni Esterni f'Housing Estate) at Ta' Ġiorni, San Ġiljan**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) L-LK Ltd. waqqa' l-appell, għalhekk tkompla l-proċess ta' l-evalwazzjoni taż-żewġt offerti (Ara Appendiċi 'F');

b) Il-Kuntrattur Dennis Incorvaja baqa' ma ġeddiedx il-*bid-bond* wara li ġie nnotifikat bil-posta li ser jitkompla l-proċess *.*

5.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-evalwazzjoni tat-tender (Ara Appendiċi 'G').

5.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

a) ma titteħedx deċiżjoni sakemm issir laqgħa mal-Perit Stephen Farrugia biex jiġi ċċarat jekk bir-rati li kkwota l-LK Ltd. jistax isir xogħol ta' livell tajjeb;

b) tinġibed l-attenzjoni tal-Perit li mhux aċċettat li jiġu ċċertifikati xogħlijiet għal pagamenti jekk ikun jonqoshom xi '*finishings*';

c) il-laqgħa mal-Perit issir nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2013 fis-2.00 p.m. Hawnhekk iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni biex il-membri kollha jkunu preżenti biex tittieħed deċiżjoni dwar it-tender. Ġie deċiż unanimament li dawk il-Kunsilliera li jattendu din il-laqgħa jieħdu d-deċiżjoni għan-nom tal-Kunsill.

**6 Offerti - Organizzazzjoni ta' Attivitajiet / Avvenimenti**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda ta' l-offerti (Ara Appendiċi 'H').

6.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona li tintgħażel l-offerta tal-Leon Promotions.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Vandalizmu fl-*area* ta' Ta' Ġiorni**

7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-ritratti tal-vandaliżmu li sar fl-inħawi ta' Ta' Ġiorni u ġie nfurmat li sar rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, lill-Assistant Kummissarju Raymond G. Zammit, u lis-Supretendent Stephen Gatt (Ara Appendiċi 'I').

7.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

a) Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli jidraftja ittra u jgħaddiha lill-Amministrazzjoni sabiex tintbagħat lill-clubs sportivi tal-lokalita';

b) Għalissa ma jsirux tiswijiet sakemm il-Kunsill jingħata l-finanzjament biex ikun jista' jiġi rranġat il-kumpless;

c) Isir appuntament bejn is-Sur Rene Savona Ventura, rappreżentant ta' lill-IPSL, u l-Kunsilliera Irene Borg sabiex jara x-xogħolijiet li jistgħu jsiru mill-ħaddiema ta' l-IPSL;

d) Jitneħħew il-graffiti li saru n-naħa tal-ġibjun.

**8 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'J').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3339 sa 3349 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'K').

9.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3339 sa 3349.

9.03 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 Inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li din is-sena l-Karnival ser isir nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2013 mit-8:00p.m. sal-11:00p.m.

10.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivana Ms Lindsay Grima tat ir-riżenja u għalhekk mill-1 ta' Frar 2013 ser tibda taħdem Ms Sharon Mifsud. Din ser tingħata s-salarju ta' skala 15 notch 3, bl-*increments* skont il-*Human Resources Regulations*.

10.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) Inħareġ it-tender tal-Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-Toroq. Dan jagħlaq fis-26 ta' Frar 2013 fl-10:30a.m.;

b) Inħareġ it-tenders tal-Magazine. Dan jagħlaq fit-12 ta' Marzu 2013 fl-10:30a.m.

c) Saru erba' transfers ta' €30,000 il-wieħed mill-Bank of Valletta għall-HSBC.

d) Ser tinħareġ sejħa għall-offerti Għad-Tiżjin tad-Dawl Dekorattiv għal żmien il-Milied.

10.04 Il-Kunsilliera Irene Borg ippreżentat irċevuta mingħand il-MUSEW rigward donazzjoni li nġabret waqt l-attivita' tal-Milied (Ara Appendiċi ('L').

10.05 Inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li xi residenti fi Triq Claire E. Engel qed jidħlilhom id-drenaġġ kull meta tagħmel ix-xita.

10.06 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li din il-problema ilha tezisti u li l-Kunsill diġa bagħat ilment lill-WSC.

10.07 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi:-

a) tintbagħat ittra lill-Perit Stephen Farrugia biex jinforma lill-Kunsill dwar jekk il-kuntrattur Polidano Bros. għamilx xi xogħlijiet b'konnessjoni mad-drenaġġ meta sar ir-resurfacing fi Triq Claire E. Engel.

b) Jintbagħat ilment lid-Dipartiment tad-Drenaġġ.

10.08 Il-laqgħa tal-Kunsill ta' Frar ser issir nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2013 fis-2.00p.m.

10.09 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-4:25p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |